o

**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 73/2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Audrey Micallef)**

**Vs**

**Arist Cordina**

**Illum 7 ta' April 2022**

**Il-Qorti**,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' Arist Cordina, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 237184(M), talli nhar it-22 ta' Diċembru 2021 u fil-granet, ġimgħat, xhur u snin ta' qabel, f'diversi ħinijiet ġewwa 7, Blk.3, Flat 6, Misraħ Mattia Preti, il-Belt Valletta u f'diversi postijiet ġewwa dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Żamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tiegħu, taħt il-kontroll tiegħu jew ġarr barra minn xi fond jew fid-dintorni tiegħu xi arma tan-nar jew munizzjon elenkati fl-Iskeda II ta' l-Att dwar l-Armi, Kap.480 tal-Liġijiet ta' Malta, mingħajr ma kellu liċenzja taħt dak l-Att, bi ksur ta' l-Artikolu 5(1) tal-Kap.480 tal-Liġijiet ta' Malta;

U aktar talli nhar il-14 ta' Diċembru 2021 u fil-ġranet u fil-ġimgħat ta' qabel, f'diversi ħinijiet u f'diversi postijiet ġewwa dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

2. Insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lis-sieħba tiegħu u cioè Patricia Briffa;

3. Għamel inġurji jew theddid mhux imemmija band’ oħra fil-Kodiċi Kriminali jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b’mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

Rat it-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex f’każ ta’ ħtija l-Qorti: (i) tordna l-konfiska ta’ l-arma regolari u/jew munizzjoni li kienu qed jinżammu jew jinġarru, u li kienu fil-pussess ta’ Arist Cordina u dan kif maħsub fl-Artikolu 56 ta’ l-Att dwar l-Armi, Kap.480 tal-Liġijiet ta’ Malta; (ii) tipprovdi għall-persuna ta’ Patricia Briffa u l-familjari tagħha jew sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku billi flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil Arist Cordina b’obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta’ somma ta’ flus li tiġi ffissata minnha billi tapplika l-Artikoli 383 *et seq* tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta’ Malta, għal żmien li tħoss xieraq; u (iii) minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita fil-Liġi, tordna lil Arist Cordina sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x’jaqsmu mal-ħatra ta’ esperti, jekk ikun il-każ, ai termini ta’ l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni a fol. 4 sa’ 13 tal-proċess, inkluż il-Kunsens ta’ l-Avukat Ġenerali ai termini ta’ l-Artikolu 370(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat li l-imputat, filwaqt li ddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja, għall-ewwel wieġeb li ma huwiex ħati ta’ l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu iżda sussegwentement, irreġistra ammissjoni limitatament għall-ewwel imputazzjoni dedotta kontra tiegħu, liema ammissjoni relattivament għall-ewwel imputazzjoni dedotta kontrih ġiet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta’ l-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga’ lura minnha;

Rat li Patricia Briffa għażlet li ma tixhidx fil-konfront ta’ l-imputat u rrinunzjat għal dak kollu li huwa rinunzjabbli fil-konfront ta’ l-istess imputat;

Semgħet ix-xhieda ta’ l-Ispettur Audrey Micallef mogħtija waqt is-seduta ta’ l-24 ta’ Marzu 2022 u rat id-dokumenti esebiti minnha markati Dok. “AM1” sa’ Dok. “AM7”;

Rat li l-Prosekuzzjoni ddikjarat li in segwitu għar-rinunzja ta’ Patricia Briffa, ma għandhiex provi oħra xi tressaq fir-rigward tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta’ l-imputat;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża dwar il-piena;

Rat l-atti tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi akkużat talli nhar it-22 ta' Diċembru 2021 u fil-ġranet, ġimgħat, xhur u snin ta' qabel, f'diversi ħinijiet ġewwa 7, Blk.3, Flat 6, Misraħ Mattia Preti, il-Belt Valletta u f'diversi postijiet ġewwa dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda: (1) żamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tiegħu, taħt il-kontroll tiegħu jew ġarr barra minn xi fond jew fid-dintorni tiegħu xi arma tan-nar jew munizzjon elenkati fl-Iskeda II ta' l-Att dwar l-Armi, Kap.480 tal-Liġijiet ta' Malta, mingħajr ma kellu liċenzja taħt dak l-Att, bi ksur ta' l-Artikolu 5(1) tal-Kap.480 tal-Liġijiet ta' Malta; U aktar talli nhar il-14 ta' Diċembru 2021 u fil-ġranet u fil-ġimgħat ta' qabel, f'diversi ħinijiet u f'diversi postijiet ġewwa dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda: (2) insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lis-sieħba tiegħu u cioè Patricia Briffa; (3) għamel inġurji jew theddid mhux imemmija band' oħra fil-Kodiċi Kriminali jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

L-imputat, filwaqt li ddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja, għall-ewwel wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu iżda in segwitu ddikjara li huwa ħati limitatament fir-rigward ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

In kwantu rigwarda l-**ewwel imputazzjoni** dedotta fil-konfront ta' l-imputat kif iktar 'l fuq osservat, din hija fis-sens illi nhar it-22 ta' Diċembru 2021 u fil-ġranet, ġimgħat, xhur u snin ta' qabel, f'diversi ħinijiet ġewwa 7, Blk.3, Flat 6, Misraħ Mattia Preti, il-Belt Valletta u f'diversi postijiet ġewwa dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda żamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tiegħu, taħt il-kontroll tiegħu jew ġarr barra minn xi fond jew fid-dintorni tiegħu xi arma tan-nar jew munizzjon elenkati fl-Iskeda II ta' l-Att dwar l-Armi, Kap.480 tal-Liġijiet ta' Malta, mingħajr ma kellu liċenzja taħt dak l-Att, bi ksur ta' l-Artikolu 5(1) tal-Kap.480 tal-Liġijiet ta' Malta.

Mix-xhieda mogħtija mill-Ispettur Audrey Micallef waqt is-seduta ta' l-24 ta' Marzu 2022, jirriżulta li għalkemm fil-pussess ta' l-imputat instabu BB Gun u Air Pistol, hija biss l-Air Pistol illi tirrikjedi liċenzja ai termini tal-Kap.480 tal-Liġijiet ta' Malta, liċenzja li rriżulta l-imputat ma kellux. Mill-istess xhieda jirriżulta wkoll illi l-imputat instab fil-pussess ta' din l-Air Pistol ġewwa fond. Għaldaqstant fid-dawl ta' tali xhieda u anke fid-dawl ta' l-ammissjoni ta' l-imputat għall-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, l-istess imputat għandu jinstab ħati ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta kontrih ai termini ta' l-

Artikolu 5(1) u ta' l-Artikolu 51(2), senjatament l-ewwel *proviso* tiegħu, tal-Kap.480 tal-Liġijiet ta' Malta.

In kwantu rigwarda **t-tieni u t-tielet imputazzjoni** dedotti fil-konfront ta' l-imputat, li kif già iktar 'l fuq osservat kienu fis-sens illi nhar il-14 ta' Diċembru 2021 u fil-ġranet u fil-ġimgħat ta' qabel, f'diversi ħinijiet u f'diversi postijiet ġewwa dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda: insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lis-sieħba tiegħu u cioè Patricia Briffa; u għamel inġurji jew theddid mhux imemmija band' oħra fil-Kodiċi Kriminali jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni, jiġi osservat li x-xhud prinċipali tal-Prosekuzzjoni, ossia Patricia Briffa, għażlet li ma tixhidx fil-konfront ta' l-imputat u addirittura irrinunzjat għal dak li huwa rinunzjabbli fil-konfront tiegħu.

Għalkemm hemm ix-xhieda ta' l-Ispettur Audrey Micallef mogħtija, kif ingħad, waqt is-seduta ta' l-24 ta' Marzu 2022, din ix-xhieda tagħmel referenza għal rapport magħmul minn Patricia Briffa u għalhekk hija xhieda ta' dak li qalet Patricia Briffa u mhux xhieda tal-veraċità o meno ta' dak li ntqal mill-imsemmija Briffa. Per konsegwenza x-xhieda ta' l-Ispettur Audrey Micallef waħedha ma hijiex biżżejjed biex tiġi ppruvata 'l hinn minn kull dubju raġonevoli l-ħtija ta' l-imputat għal dawn iż-żewġ imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu. Oltre dan, ma tressqet l-ebda prova ulterjuri da parte tal-Prosekuzzjoni fir-rigward.

B'hekk kemm fid-dawl tan-nuqqas ta' provi sodisfaċenti da parte tal-Prosekuzzjoni fir-rigward tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni dedotti fil-konfront ta' l-imputat kif ukoll fid-dawl tar-rinunzja ta' Patricia Briffa għal dak li huwa rinunzjabbli fil-konfront ta' l-istess imputat, il-Qorti tqis li l-imputat ma jistax u ma għandux jinstab ħati tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni dedotti fil-konfront tiegħu.

Għall-finijiet ta' piena fir-rigward ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat, il-Qorti filwaqt li ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat dedott fil-konfront ta' l-imputat u minnu ammess, ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-imputat irreġistra l-ammissjoni tiegħu għall-ewwel imputazzjoni dedotta kontrih fi stadju bikri tal-proċeduri.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk, il-Qorti, filwaqt li ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni dedotti fil-konfront tiegħu u tilliberah minnhom, wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 18 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 5(1) u Artikolu 51(2), inkluz l-ewwel *proviso* tiegħu, tal-Kap.480 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati, anke fuq ammissjoni tiegħu stess, ta' l-ewwel

imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu tikkundannh għal multa ta' seba' mitt Euro (€700).

Ai termini ta' l-Artikolu 14 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti, minħabba l-valur tal-multa, tawtorizza lill-imputat iħallas il-multa ta' €700 hawn imposta fuq perijodu ta' hames (5) xhur permezz ta' pagamenti mensili konsekuttivi ta' mija u erbgħin Euro (€140) il-wieħed, bl-ewwel pagament ikun dovut fis-6 ta' Mejju 2022 u imbagħad fis-sitt gurnata ta' kull xahar sussegwenti sal-ħlas intier.

Kemm-il darba l-imputat jonqos milli jħallas pagament wieħed ta' €140, il-multa fl-intier tagħha jew kwalunkwe bilanċ qual' volta dovut, jsir dovut b'mod immedjat u fl-intier tiegħu u kemm-il darba l-ħlas jibqa' ma jsirx il-multa jew kwalunkwe bilanċ dovut tinbidel fi priġunerija skond l-Artikolu 14(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikolu 56 tal-Kap.480 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti tordna l-konfiska ta' l-Air Pistol misjuba fil-pussess ta' l-imputat u esebita fl-atti ta' dawn il-proċeduri bħala Dok. "AM7" **u** ai termini ta' l-Artikolu 57 tal-Kap.480 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tipprojbixxi lill-imputat milli jkollu liċenzja taħt l-Att dwar l-Armi għall-perijodu ta' sena (1) dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza.

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġew nominati l-ebda Esperti, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' l-aħħar talba tal-Prosekuzzjoni dedotta ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti tordna li l-atti ta' dawn il-proċeduri flimkien ma' kopja ta' din is-sentenza jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali fi żmien mogħti fil-Liġi.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**